KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

30 ta' Jannar 2026
L-Onor. Robert Abela
*Prim Ministru*

Onorevoli Prim Ministru,

Nixtieq nirreferi għad-dikjarazzjonijiet pubbliċi li saru fir-rigward tan-nomina għall-kariga ta' Prim Imħallef.

Huwa prinċipju stabbilit, u prassi segwita b'mod konsistenti tul is-snin, li l-ismijiet ta' dawk li jiġu kkunsidrati għal karigi li jeħtieġu kunsens bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni ma għandhom qatt isiru suġġett ta' diskussjoni pubblika jew ballun politiku. Dan b'rispett lejn il-kariga nnifisha, lejn il-persuni kollha li jkunu qed jiġu kkunsidrati, u sabiex tinżamm id-dinjità u l-piż istituzzjonali tal-proċess.

F'dan il-kuntest, ninnutaw ukoll li dan il-prinċipju qablet miegħu l-Kamra tal-Avukati, li esprimiet b'mod ċar li diskussjonijiet ta' din in-natura m'għandhomx isiru fil-qorti pubblika, iżda għandhom jitmexxew b'mod riservat u responsabbli, fl-interess tal-istituzzjonijiet u tas-saltna tad-dritt. Ninnota d-disponibbiltà espressa min-naħa tiegħek li tiddiskuti l-ħatra. Għaldaqstant, nerġa' ntenni l-istedina li għamilt ilbieraħ sabiex titkompla d-diskussjoni b'mod serju, riservat u kostruttiv, kif titlob in-natura ta' ħatra ta' din l-importanza.

Fl-ispirtu tal-providementi kostituzzjonali u fl-interess nazzjonali u b'sens ta' responsabbiltà, inħoss li jkun xieraq li d-diskussjoni tkompli fuq bażi li tippermetti li jiġu meqjusa l-għażliet li jkunu jistgħu jgawdu minn maġġoranza taż-żewġ terzi tal-Kamra tad-Deputati.

Tiegħek,

Alex Borg
Kap tal-Oppożizzjoni